# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 8**

**Cit. numru 21/70 DM**

**TONI, u b'digriet tas-27 ta' Gunju, 1994, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Pawlu, Mario, Stella u Salvina xebbiet, ahwa Sciberras, stante l-mewt ta' missierhom, Toni Sciberras; GIOVANNI, u b'digriet tas-27 ta' Gunju, 1994, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Giuseppa mart Luigi Farrugia f'isimha propju u bhala prokuratrici ta' ohtha msiefra, Maria mart Giusepp Bigeni; MICHELE, u b'digriet tat-18 ta' Mejju, 1978 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Carmelo Sciberras ibnu u b'digriet tas-27 ta' Gunju, 1994, gie trasfuz ukoll fil-persuni ta' Giljan, Toni u Grazia ahwa Sciberras; u CARMELA MART LUZIU AZZOPARDI minnu assistita u b'digriet tas-27 ta' Gunju, 1994, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Ganni, Maria armla ta' Francis Grima, Carmela mart Loreto Mifsud f'isimha propju u bhala prokuratrici ta' huha msiefer Michele u b'nota ta' l-1 ta' Dicembru, 1999, Emanuela mart Anthony Scicluna, Tarsilla mart Angelo Axiaq u Mary Grace mart Michael Paul Bajada, ahwa Farrugia, ulied Joseph**

**Farrugia u l-mejta Sylvia nee' Sultana assumew l-atti tal-kawza stante l-mewt ta' Michele Sciberras, ahwa Azzopardi, u Pawla mart Mario Sultana bint il-mejjet Saver Azzopardi, flok il-mejta Carmela Azzopardi, ahwa Sciberras.**

**vs**

**LUIGI, u b'digriet tas-27 ta' Gunju, 1994, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Francesca mart Michele Bugeja minflok il-mejjet Luigi Sciberras, Maria mart Ganni Bugeja minnu assistita, u b'digriet tas-27 ta' Gunju, 1994, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Mikieli Bugeja minflok il-mejta Maria Bugeja u GIUSEPPA ARMLA TA' MARCEL AGIUS u b'digriet tad-29 ta' Jannar, 1985, il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Michelina Agius, Theresa Buttigieg u Joseph Buttigieg stante l-mewt ta' Giuseppa armla ta' Marcel Agius fil-mori tal-gudizzju, ahwa Sciberras; kif ukoll lil Michael, Giovanni u b'nota ta' l-4 ta' Dicembru, 1998, stante l-mewt fil-mori tal-kawza ta' Giovanni Sciberras assumew l-atti Michele Sciberras u Mario Grima bhala unici eredi tieghu, Giuseppa xebba, Maria mart Michael Angelo Azzopardi u b'nota ta' l-4 a' Dicembru, 1998, stante l-mewt fil-mori tal-kawza ta' Maria mart Michelangelo Azzopardi assumew l-atti Lonza mart Mariano Pace, Giuseppa mart Giuseppe Hili u Gianni Azzopardi, u Salvina mart Ganni Grima u b'nota tat-3 ta' Dicembru, 1998, stante l-mewt fil-mori tal-kawza ta' Salvina mart Gianni Grima assuma l-atti Mario Grima, ahwa Sciberras ulied il-mejjet SAVER SCIBERRAS u dawna kemm f'isimhom propju kif ukoll bhala kuraturi de jure ta' l-eredita' ta' l-imsemmi missierhom Saver Sciberras; kif ukoll l-Avukat Dr. Anton Calleja u Prokuratur Legali Marcel Mizzi, kuraturi deputati nominati b'digriet tad-29 ta' Ottubru, 1970 sabiex jirrapprezentaw lill-imsiefra Giuseppe Sciberras u Emanuela**

**mart Salvu Farrugia ulied ohra ta' l-istess mejjet Salvu Sciberras li qeghdin jigu mharrka wkoll f'isimhom propju kif ukoll bhala kuraturi de jure ta' l-eredita' ta' missierhom u b'digriet tat-18 ta' Mejju, 1978, Dr. Victor Bajada gie nominat minflok Dr. Anton Calleja li miet fil-mori tal-kawza.**

L-atturi pprocedew kontra l-konvenuti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili, b'dan l-att tac-citazzjoni ghal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Giuseppe u Grazia Sciberras u ghad-divizjoni ta' l-istess:-

"Ippremettew illi fid-9 ta' Settembru 1952 miet fix-Xewkija, Giuseppe Sciberras (Dok A) missier u nannu rispettiv tal-kontendenti, b'testment unica charta ma' martu Grazia Sciberras tad-29 ta' Novembru, 1946 fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo (Dok B) minghajr ma innomina eredi u ghalhekk wirtuh f'porzjonijiet ugwali t-tmien uliedu cioe' l-erba' atturi l-'konvenuti Luigi, Maria Bugeja u Giuseppa Agius kif ukoll Saver Sciberras missier l-konvenuti l-ohra;

U illi Saver Sciberras miet fl-10 ta' Novembru 1965 (Dok C) u halla jissopravivuh s-seba uliedu l-konvenuti Michele, Giovanni, Giuseppa xebba, Maria mart Michael Angelo Azzopardi, Salvina mart Ganni Grima u Giuseppa u Emanuela mart Salvu Farrugia li ghalhekk huma l-kuraturi de jure tal-wirt tieghu;

U illi fit-30 ta' April 1967 mietet fix-Xewkija Grazia Sciberras armla ta' l-imsemmi Giuseppe Sciberras (Dok D) omm u nanna rispettiva tal-kontendenti b'testment tal-10 ta' Awissu 1955 fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo (Dok E) in aggunta ma' dak tad-29 ta' Novembru 1946 li ghamlet unica Charta ma' l-imsemmi zewgha, li bih wara li ordnat xi Legati favur uhud minn uliedha ma innominatx eredi u ghalhekk wirtuha f'porzjonijiet ugwali cioe' l-erba' atturi u l-konvenuti Luigi Sciberras, Maria Bugeja u Giuseppa Agius kif ukoll l-konvenuti seba' ulied il-mejjet Saver Sciberras flimkien bejniethom in rappresentanza ta' missierhom;

U illi l-atturi ma iridux jibqghu jipposiedu in kumun ma' l-eredi l-ohra l-proprjeta' gejja mill-ereditajiet tal-genituri taghhom;

Talbu li din il-Qorti:

1. Ma ghandhiex tillikwida l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti gia esistenti bejn il-kokjugi Giuseppe u Grazia Sciberras billi jigi dikjarat illi jikkonsistu f'dawk il-beni u sostanzi illi jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

2. Ghaliex dan l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidat ma ghandux jigi diviz f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lill-assi ereditarja ta' l-imsemmi Giuseppe Sciberras u l-ohra lill-assi ereditarju ta' l-imsemmija Grazia Sciberras:

3. Ghaliex ma ghandux jigi likwidat l-assi ereditarju ta' l-imsemmi Giuseppe Sciberras billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'nofs l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti kif likwidat u f'dawk il-beni u sostanzi parafernali li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

4. Ghaliex dan l-assi ereditarju ta' Giuseppe Sciberras hekk likwidat ma ghandux jigi diviz fi tmien porzjonijiet ugwali li jigu assenjati porzjon kull wiehed lill-atturi Toni Sciberras, Michael Sciberras, Giovanni Sciberras, u Carmela mart Luzio Azzopardi, porzjon kull wiehed lill-konvenuti Luigi Sciberras, Maria mart Ganni Bugeja u Giuseppa armla Agius u porzjon bejniethom lill-konvenuti Michele, Giovanni, Giuseppe, Giuseppa xebba, Maria mart Michael Angelo Azzopardi, Salvina mart Ganni Grima u Emmanuela mart Salvu Farrugia bhala kuratturi de jure ta' l-eredita tal-mejjet missierhom Saver Sciberras;

5. Ghaliex ma ghandux jigi likwidat l-assi ereditarju ta' Grazia Sciberras billi jigi dikjarat illi jikkonsisti f`nofs l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti kif likwidat u f'dawk il-beni u sostanzi parafernali li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

6. Ghaliex dan l-assi ereditarju ta' Grazia Sciberras ma ghandux jigi diviz fi tmien porzjonijiet ugwali li jigu assenjati porzjon kull wiehed lill-erbgha atturi fuq indikati porzjon kull wiehed lil konvenuti Luigi Sciberras, Maria Bugeja u Giuseppa Agius u porzjon bejniethom lil konvenuti l-ohra in rappresentanza tal-mejjet missierhom Saver Sciberras;

7. Ghaliex ma ghandux jigi nominat Nutar sabiex jippubblika l-att ta' likwidazzjoni u divizjoni opportun fil-gurnata, hin u lok li

jigu iffissati minn din il-Qorti u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali assenti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Gunju, 1970".

**Eccezzjonijiet**

L-avukat Dr. Anton Calleja u l-Prokuratur Legali Marcel Mizzi, kuraturi deputati in rapprezentanza ta' Giuseppe Sciberras u Emanuela mart Salvu Farrugia proprio et nomine, eccipew illi huma ma kienux edotti bil-fatti li taw lok ghall-kawza u ghalhekk, ghall-mument, irrimettew rwiehhom ghall-provi migjuba u ghall-gudizzju tal-Qorti.

Il-konvenuta Giuseppa armla ta' Marcel Agius u Maria mart Ganni Bugeja minnu assistita, eccipew:-

"Ili huma ma joggezzjonawx li ssir id-divizjoni ta' l-assi ereditarju tal-mejtin genituri taghhom Giuseppe u Grazia konjugi Sciberras, purche' jigu rispettati d-disposizzjonijiet testamentari kollha ta' l-istess defunti. U purche' wkoll li tali divizjoni tiehu in konsiderazzjoni l-legati mhollija favur ta' l-esponenti rispettivament, fit-testment ta' Grazia Sciberras ta' l-10 ta' Awissu, 1955, fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo u l-obbligi ta' l-eredi universali skond id-dispost ta' l-artikolu 770 u 771 ta' Vol. 111 tal-Kodici Civili;

Illi fl-atti tac-citazzjoni u d-dokumenti esebiti mad-dikjarazzjoni ta' l-atturi, gie mholli barra testment iehor unica charta tat-testaturi Sciberras, u cioe', dak li sar fil-5 ta' Novembru, 1940 f-atti tan-Nutar Francesco Refalo – u li kopja tieghu qeghda tigi hawn prodotta u markata Dok G.

Illi skond dan it-testment, mhux revokat mit-testaturi, ommhom Grazia Sciberras tirrizulta werrieta universali ta' l-assi ereditarji kollu mholli minn missierhom Giuseppe Sciberras, inkluz naturalment is-sehem ta' l-istess Giuseppe Sciberras mill-komunjoni ta' l–akkwisti;

Illi filwaqt li dan il-fatt ma ghandu l-ebda effett dirett fuq il-konsistenza ta' l-assi tad-defunti, hu ghandu rilevanza kbira fuq il-mod li bih ghandha ssir id-divizjoni tal-konjugi Sciberras;

Ghaldaqstant l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi c-citazzjoni hija nkompleta fis-sens li ma tiehux in konsiderazzjoni d-dokument espost ma' dina n-nota, cioe' Dok G, u jitolbu li dina l-Qorti tikkunsidra l-korrezzjoni ta' l-att tac-citazzjoni fis-sens li gej:-

a. Billi fl-ewwel paragrafu tal-parti espositiva tac-citazzjoni, wara l-kliem "Saver Sciberras missier il-konvenuti l-ohra" jizdiedu l-kelmiet "Salv l-effetti ta' testment iehor precedenti, ukoll unica charta bejn il-konjugi Sciberras, tal-5 ta' Novembru, 1940 fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo, esibit man-nota ta' l-eccezzjonijiet u markat Dok G.

b. Billi fil-parti petitorja tac-citazzjoni fl-ahhar tal-paragrafu (ossia talba) numru 4, jizdied il-kliem "Wara li din il-Qorti tkun hadet in konsiderazzjoni l-effetti tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment unica charta tat-testaturi konjugi Sciberras tal-5 ta' Novembru, 1940, atti Francesco Refalo";

c. Billi wara t-talba numru 5 ta' l-istess parti petitorja tac-citazzjoni jizdiedu l-kliem: "kif ukoll f'dak kollu lilha Grazia Sciberras skondi l-ligi spettanti mill-assi ereditarji ta' l-istess zewsgha Giuseppe, in forza ta' l-imsemmi testament unica charta tal-5 ta' Novembru, 1940, b'riferenza specjali ghad-dispost ta' l-artikolu 787 (1) ta' Vol III tal-Kodici Civili";

d. Wara t-talba numru 6 ta' l-istess parti petitorja tac-citazzjoni jizdiedu l-kliem; "Salvi l-legati mhollija mill-istess testatrici fit-testmenti taghha sa fejn dawn jinsabu formanti parti mill-porzjoni disponibbli ta' l-assi in likwidazzjoni".

Fl-ahhar nett jissottomettu wkoll li ghandu jigi lilhom esponenti akkordat l-immissjoni formali fil-pussess tal-legati immobiljari lilhom imhollija mit-testatrici, b'riserva fil-kap ta' l-ispejjez ghall-provedura relattiva, skond artikolu 770 ta' Vol III tal-Kodici Civili".

Il-konvenut Luigi Sciberras eccepixxa illi huwa ma hux oppost ghal-likwidazzjonijiet u divizjonijiet mitluba fic-citazzjoni, basta pero' li ssir il-prova tal-konsistenza ta' l-assi in divizjoni.

**Iter processwali**

Jigi registrat hawn dak li l-ewwel Qorti kkunsidrat preliminarjament qabel ma tghaddi biex tikkonsidra il-mertu quddiemha. Dan ghaliex dawn il-kostatazzjonijiet kienu rilevanti, almenu in parte, ghad-determinazzjoni ta' dan l-appell:-

> "Rat id-digriet tal-15 ta' Gunju, 1971 fejn innominat lil Dr. Albert Grech bhala Perit Legali bl-assistenza tal-Perit Tekniku Joseph Dimech, din l-ahhar nomine ikkonfermata bid-digriet taghha tat-30 ta' Jannar, 1987;
>
> Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Frar, 1972 fejn il-perit legali gie sostitwit fl-inkarigu tieghu mill-Avukat Dr. Albert S. Grech;
>
> Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Albert Grechipprezentata fil-25 ta' Marzu, 1976 u mahlufa fil-5 ta' Mejju, 1977;
>
> Rat is-sentenza taghha tat-13 ta' Gunju, 1978;
>
> Rat is-sentenza ta' l-appell tas-17 ta' Gunju, 1985;
>
> Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Gunju, 1988 fejn innominat lil Dr. Carmel Galea bhala Perit Legali;
>
> Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali ipprezentata fit-3 ta' Ottubru, 1990 u mahlufa fit-2 ta' Novembru, 1990;
>
> Rat id-disposizzjoni in esklussjoni tal-perit legali fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 1990 fejn, wara li ha konjizzjoni tad-dokumenti AG1 u AG2 esibiti fis-27 ta' Ottubru, 1990, iddikjara li l-paragrafi

35 u 42 tar-relazzjni ghandhom jitqiesu bhala kancellati u minflok il-paragrafi 43 u 44 ghandu jidhol is-segwenti paragrafu;

Illum il-proprjeta' tal-fond tappartjeni interament lill-konvenut Michele Bugeja izda din il-proprjeta' hija soggetta ghall-antikresi ghall-perijodu rimanenti mill-koncessjoni originarja favur l-ulied, u d-dixxendenti taghhom, ta' Giuseppe Sciberras u martu Grazia Sciberras. Dawn l-ulied huma dawk murija a fol 280 tal-process".

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku ipprezentata fit-28 ta' Gunju, 1993 u mahlufa fid-29 ta' Ottubru, 1993;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Settembru, 1986 fil-kawza Citaz. Nru. 67/79 fl-ismijiet "Maria Bugeja et – vs – Toni Sciberras et" fejn gie dikjarat illi z-zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Dr. Francesco Refalo tal-konjugi Giuseppe u Grazia Sciberras rispettivament tal-5 ta' Novembru, 1940 u 29 ta' Novembru, 1946, esibiti fl-atti tal-kawza odjerna, nonostante xi inezattezzi fil-kunjom ta' xebba ta' omm it-testatur, ghandhom jitqiesu bhala testmenti tal-konjugi Sciberras, axxendenti tal-kontendenti.

Ghalhekk dawn it-testmenti ghandhom jigu kkunsidrati f'kull ezami dwat il-wirt ta' l-istess konjugi Sciberras".

**<u>Decide</u>**

B'sentenza tat-28 ta' Gunju, 1994, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

Superjuri Civili, hekk finalment iddecidiet il-kawza quddiemha:-

"Ghaldaqstant tiddisponi mit-talbiet attrici billi tiddikjara li l-assi in divizjoni bejn il-werrieta kontendenti huma

1. Dar numru 46, Triq il-Helsien, Xewkija;
2. Dar numru 12, Triq il-Kbira, Xewkija;
3. Dar numru 24 u 26, Triq l-Gharus, Xewkija;
4. Kreditu ta' Lm345 munit bl-antikresi tal-fond fi Triq Sta. Marija, Xewkija.

Tiddikjara illi l-kwoti rispettivi huma ta' ottava parti ghal kull wiehed/wahda mill-ulied ta' l-imsemmija konjugi Sciberras illum ghad-dixxendenti ta' l-istess ulied.

Tiddikjara illi apparti l-kreditu imsemmi li ghandu jinqasam bejn il-kondividendi mal-hlas ta' l-istess, il-beni immobiljari ma humiex komodament divizibbli u ghalhekk tordna il-bejgh in licitazzjoni ta' l-istess, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei, a bazi tad-deskrizzjonijiet u stimi diga' maghmula mill-perit Tekniku, l-A.I.C. Joseph Dimech, sabiex ir-rikavat, wara li jitnaqqsu l-ispejjez u tithallas lill-werrieta tal-konvenuta Giuseppa Agius somma ekwivalenti ghal hames ottavi (5/8) tar-rikavat mill-bejgh tal-fond 46, Triq il-Helsien, Xewkija, jinqasam fi tmien porzjonijiet egwali u jithallsu lill-wwerrieta ta' kull wiehed mill-ulied eredi ta' l-imsemmija konjugi Sciberras.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-kontendenti f'ottava parti kull wiehed bejn il-werreita jew successuri taghhom".

## Motivazzjoni ta' dik is-sentenza

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"Il-punti legali involuti fil-kawza odjerna jirrigwardaw fl-ewwel lok l-effetti tat-testment unica charta tal-konjugi Sciberras tal-5 ta' Novembru, 1940 fejn, nonostante it-tmien ulied, hallew lil xulxin bhala eredi universali u ghalhekk jistax jigi ritenut illi d-divizjoni ghandha tigi regolata biss bid-disposizzjonijiet testmanetarji tas-superstiti Grazia Sciberras;  fit-tieni lok l-effett fuq il-proprjeta' tal-fond 17/18/21/23, Triq Santa Marija, Xewkija stante l-antikresi favur id-decujus  Giuseppe Sciberras u l-akkwist tal-proprjeta' da parti ta' Michele Bugeja minn ghand id-debituri u fit-tielet lok l-effett tal-legat imholli minn Grazia Sciberras lill-konvenut Guseppa, mart Marcell Agius, b'riferenza ghall-Artikolu 696 tal-Kodici Civili;

Il-Perit Legali, Dr. Carmelo Galea, wara li ezamina bir-reqqa l-kuntratti rilevanti, l-iskrizzjonijiet u kancellamenti relattivi, sewwa ikkonkluda illi l-antikresi tal-fond 17-23, Triq Santa Marija, Xewkija, ma gietx registrata validament bhala bejgh fit-terminu

preskritt mill-Artikolu 1987 il-Kodici Civili u ghalhekk irrelata li "illum il-proprjeta' tal-fond tappartjeni interament lill-konvenut Michele Bugeja izda din il-proprjeta' hija soggetta ghall-antikresi ghall-perijodu rimanenti mill-koncessjoni originarja favur l-ulied, u d-dixxendenti taghhom, ta' Giuseppe Sciberras u martu Grazia Sciberras. Dawn l-ulied huma dawk murija a fol. 280 tal-process".

Ghaldaqstant dak li jifforma parti mill-assi ereditarju tal-konjugi Sciberras ma huwiex il-proprjeta' tal-fond izda l-kreditu ta' Lm345 bl-imghax tas-6% fis-sena u dovuti fit-3 ta' Ottubru, 2134 skond il-kuntratti ta' Antikresi ta' l-4 ta' Ottubru, 1934 u 5 ta' Novembru, 1940 (Atti Nutar Francesco Refalo), Dokti. CG1 u CG2, u kif soggett ghad-disposizzjonijiet legali vigenti dwar il-kuntratt ta' antikresi.

Ghalhekk il-fond imsemmi numri 17, 19, 21, 23, Triq Santa Marija, Xewkija, ma jiffurmax parti mill-beni in divizjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-effetti tad-disposizzjoni testamentarja fit-testment tal-5 ta' Novembru, 1940 (Dok G), fejn Giuseppe Sciberras halla lil martu bhala eredi universali b'eskluzzjoni ta' uliedu, il-Perit Legali kien preciz fil-konkluzzjonijiet tieghu ibbazati fuq id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 603 u 612 tal-Kodici Civili u qeghda ghalhekk tadotta u taghmel taghha l-paragrafi min-numru 36 sa 41 (parti) u qed tirriproducihom hawn that:-

"36. L-atturi jissottomettu illi t-testment tal-genituri tal-kontendenti fejn dawn hallew eredi lil xulxin mhux applikabbli ai terminu tal-ligi, in kwantu t-testaturi kellhom tmien t-itfal u kwindi l-omm ma setghetx tiret aktar minn kwart minghand il-missier u t-tlett kwarti l-ohra jghaddu ab intestato.

37. Din il-pretensjoni ta' l-atturi hija bazata fuq dak illi jiddisponi l-artikolu 603 (gia 640) tal-Kodici illi jghid hekk:-

"Jekk it-testatur ihalli tfal jew dixxendenti bhal ma jinghad fl-ahhar artikolu qabel dan (coe' tfal jew dixxendenti legittimi jew legittimati bi zwieg li jsir wara, jew tfal adottivi jew dixxendenti taghhom, legittimi jew legittimati kif inghad hawn fuq) min, fost ir-ragel u l-mara jibqa' haj wara l-iehor ma jistax jircievi, bi proprieta', izjed mill-kwart tal-beni tal-mejjet".

L-artikolu 612 imbaghad, jiddisponi kif gej:-

"(2) Jekk l-inkapacita' tkun parzjali dik id-disposizzjoni tkun nulla biss f'parti".

38. Dawn huma disposizzjonijiet illi huma eminentement ta' ordni pubbliku fis-sistema guridiku ta' pajjizna. Bhala tali dawn id-disposizzjonijiet ghandhom jipprevalixxu fuq kull turija ta' volonta kuntrarja da parti tat-testaturi, fis-sens illi t-testaturi ma jistghu bl-ebda mod jiddipartixxu mir-regoli kontenuti f'dawn l-istess disposizzjonjiet. Sfortunatament, ma jezistu ebda disposizzjonjiet simili fil-Kodici Taljan, la dak vigenti u lanqas dak abrogat.

39. Ovvjament id-decizjoni tal-kawza fl-ismijiet "Marija Bugeja et – vs – Toni Sciberras et" citaz. Nru. 67/79 fuq riferita ma tinfluenza bl-ebda mod fuq l-ezitu ta' l-ezami tal-punt involut hawn, stante ill f'dik il-kawza, il-Qorti illimitat ruhha ghall-ezami ta' l-identita' tat-testaturi u mhux tal-validita' o meno tat-testment that aspetti ohra.

40. Fic-citazzjoni odjerna l-atturi ma talbux illi t-testment illi fih Giuseppe Sciberras innomina bhala eredi universali tieghu lil martu jigi dikjarat null, izda dan jigi spjegat facilment mill-fatt illi fuq mument tal-prezentata tac-citazzjoni l-istess atturi ma kienux jafu bl-esistenza ta' dan it-testment, illi gie skopert wara li kien anke fih konnotazzjonijiet hziena tat-testatur. Ma jidhirx ghalhekk illi l-mankanza ta' talba espressa da parti ta' l-atturi sabiex jigi skartat dan it-testment ghandha tinfluwixxi fuq is-soluzzjoni ta' dan il-punt.

41. L-esponenti hu ta' l-umili opinjoni illi a bazi ta' l-artikoli tal-ligi fuq citati, it-testment fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tal-hamsa ta' Novembru, 1940 ghandu jigi skartat u dikjarat null inkwantu l-istess Giusepp Sciberras halla lil martu aktar minn kwart tal-beni tieghu.

Ghalhekk il-wirt ta' Giuseppe Sciberras iddevolva in kwantu ghal kwart (1/4) favur martu Grazia Sciberras u kwantu ghar-rimanenti tlett kwarti (3/4) fuq uliedu u billi jidher illi l-beni in divizjoni huma ilkoll provenjenti mill-komunjoni ta' l-akkwisti gia esistenti bejn il-konjugi Sciberras (ghalkemm fil-lista tal-beni Dok XX a fol 33 tal-fond 12, Main Street, Xewkija, gie dikjarat bhala parafernali ta' Grazia Sciberras), mal-mewt ta' Giuseppe Sciberras dawn ghaddew fil-komproprjeta' ta' uliedu u ta' martu (li diga' kienet evidentement fil-proprjeta' ta' nofs indiviz) in kwantu ghal tlett ottavi (3/8) u hames ottavi (5/8 rispettivament.

Dan ghandu biss rilevanza in kwantu Grazia Sciberras halliet legali ta' fondi fl-intier taghhom sabiex tigi stabbilita l-kwota disponibbli mit-testatrici u peress ukoll it-tmien ulied huma l-eredi fi kwoti egwali tal-genituri taghhom.

Infatti bit-testment taghha ta' l-10 ta' Awissu, 1955 (Atti Nutar Francesco Refalo) Grazia Sciberras halliet b'titolu ta' legat lil binha, il-konvenuta Giuseppa mart Marcell Agius l-intier tad-dar, numru 46 fi Triq Britannia, illum Triq Helsien, Xewkija, fejn il-legatarja kienet tabita.

Peress illi Grazia Sciberras kienet biss komprprjetarja tal-fond fi kwota biss ta' hames ottavi (5/8) sabiex setghet thalli bhala legat l-intier ta' l-istess fond, kienet obbligata li tosserva d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 696(1) tal-Kodici Civili li jipprovdi:-

"Il-legat tal-haga ta' haddiehor ma jiswiex, hlief jekk ikun dikjarat fit-testment illi t-testatur kien juaf li l-haga kienet ta' haddiehor u mhux tieghu".

Billi ma saret ebda dikjarazzjoni kif rikjesta mill-istess Artikolu, il-legat ma jiswiex ghal dik il-parti tal-fond li ma kienetx fil-proprjeta' tat-testatrici u ghandu jigi tenut li jikkonsisti biss fi kwota ta' 5/8 mill-imsemmi fond. It-tlett ottavi (3/8) rimanenti jappartjenu lill-werrieta ta' Giuseppe Sciberras.

Ghal dak li jirrigwarda l-konsistenza ta' l-Assi in divizjoni fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 1972 quddiem il-perit legali, il-partijiet prezenti assistiti mid-difensuri taghhom kienet iddikjaraw li dawn jikkonsistu esklussivament fil-beni elenkati fil-lista Dok XX esebita a fol. 33 tal-process, izda iddikjaraw illi l-kreditu ta' Lm100 kontra Ganni Cauchi kien thallas lil Grazia Sciberras qabel il-mewt taghha.

Minn din il-lista jrid jitnethha il-fond ta' Triq Santa Marija, Xewkija, ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati izda jrid jizdied il-kreditu antikretiku imsemmi ta' Lm345 bl-imghax pattwit ta' 6%.

Jirrizulta pero' illi matul il-kors tas-seduti ma ngiebu ebda provi ohra dwar ir-raba "Ta' Sant'Elia", "Ta' Psaila" u "Tal-Gruwa" u l-kontendenti lanqas ma indikawhom lill-perit tekniku sabiex jistghu jigu identifikati, ppjantati u stmati u jigi deciz jekk humiex divizibbli u dan presumibilment ghaliex gew ittrasferiti fil-mori tal-kawza u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghhom u

trid tillimita ruhha ghal dawk il-fondi biss li gew indikati lill-perit tekniku u saret ir-relazzjoni dwarhom.

Ghalhekk il-fondi in divizjoni huma s-segwenti:-

1. Dar numru 46, Triq il-Helsien, Xewkija
2. Dar numru 12, Triq il-Kbira, Xewkija
3. Dar numru 24 u 26, Triq l-Gharus li qed titqies li hija posseduta in utile dominju perpetwu soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' 40c fis-sena kif stmata mill-perit tekniku.

Kif jirrizulta mir-relazzjni teknika dawn il-fondi ma humiex komodament divizibbli u ghalhekk iridu jinbieghu in licitazzjoni sabiex il-kontendenti ikunu jistghu jaqsmu ir-rikavat skond il-kwoti rispetivi taghhom.

Dawn il-kwoti jikkonsistu filli kull wiehed/wahda mill-ulied tal-konjugi Giuseppe u Grazia Sciberras jippossjedu ottava (1/8) parti wara li jithallas il-prelegat lill-konvenuta Giuseppa armla ta' Marcell Agius ossia lill-werrieta taghha f'somma ekwivalenti ghal 5/8 mir-rikavat tal-bejgh tal-fond 46, Triq il-Helsien, Xewkija".

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Minn din is-sentenza appellaw l-atturi kollha flimkien b'rikors uniku. Huma qed jitolbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata tal-Qorti ta' Ghawdex, Superjuri Civili, tat-28 ta' Gunju, 1994, billi:-

"1. tiddikjara li l-assi ereditarju tal-konjugi Sciberras jinkludi l-fond numru 17, 19, 21 u 23 Triq Santa Maria, Xewkija, u mhux il-kreditu ta' Lm345 u l-imghax fuqu tas-6%, u tordna l-bejgh in licitazzjoni tieghu flimkien mal-fondi l-ohra;

2. tiddikjara illi l-istess assi ereditarju tal-konjugi Sciberras jinkludi t-tlett bicciet raba, cioe' dik "Ta' Sant'Elia", "Ta' Psaila" u "Tal-Gruwa", u tordna li l-Perit Tekniku li jispezzjona dawn it-tlett bicciet raba ikejjilhom u jistmaghhom u jiddikjara jekk humiex komodament divizibbli bejn tmien cippijiet, u fin-nuqqas tigi ordnata l-licitazzjoni taghhom flimkien mal-fondi l-ohra;

3. billi tikkonferma l-kumplament tas-sentenza tal-Prim'Istanza.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghall-konvenuti".

Din il-Qorti tqis l-ewwel it-tieni parti tat-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata, u cioe' li tiddomanda li fil-qasma jigu inkluzi proprjetajiet, u cioe' tlett porzjonijiet ta' ghelieqi, eskluzi mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Dan ghaliex l-atturi jippretendu li dawn il-fondi kienu jifformaw parti mill-attiv ta' l-assi ereditarju in divizjoni. L-appellanti jikkontestaw il-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti illi l-kontendenti f'din il-kawza ma kienux indikaw dawn il-fondi lill-Perit Tekniku sabiex ikunu jistghu jigu identifikati, pjantati u stmati u nkorporati fi pjan ta' divizjoni. Lanqas kien hemm il-prova li dawn il-fondi kienu attwalment jezistu, skond l-ewwel Qorti "prezumibilment ghaliex gew trasferiti fil-mori tal-kawza".

L-appellanti jsostnu li dan mhux korrett, jghidu li gew zgwidati mill-Perit Tekniku illi meta fl-1993 informahom li kien ser jispezzjona l-fondi, huma kienu hasbu li kien diga mar biex jispezzjona r-raba ferm qabel. Dana meta kienu ghadhom hajjin l-ulied tal-konjugi Sciberras illum kollha mejta. L-appellanti jissottomettu li l-Perit Tekniku qatt ma talabhom biex juruh dawn it-tlett bicciet raba. Dan l-aggravju pero' ma jikkonvincix. Jekk xejn ghaliex lanqas fir-rikors ta' l-appell, nonostante il-motivazzjoni fis-sentenza appellata in rigward ta' dawn l-ghelieqi, l-appellanti ma hassewx li kellhom jaghtu informazzjoni preciza ta' dawn il-fondi u tal-provenjenza taghhom.

L-appellati effettivament jikkontestaw il-pretensjoni ta' l-appellanti li dawn il-bicciet raba kienu ta' proprjeta' komuni u kienu jifformaw parti mill-assi in divizjoni. Huma, ghall-kuntrarju, jsostnu li "ma ngabet ebda prova li llum dawn kienu ghall-qasma. Infatti llum hemm pretensjonijiet ta' uhud mill-kontendenti li jippretendu li qeghdin jippossjeduhom bhala proprjetarji taghhom u ghalhekk jigu li m'humiex in divizjoni". Ma hemmx dubbju li dan il-meritu kellu jigi ventilat quddiem l-ewwel Qorti, kif lanqas hemm dubju illi kien qabel xejn kompitu ta' l-atturi illi jissodisfaw l-obbligu tal-prova tal-konsistenza ta' l-assi ereditarju. F'kawza li ilha ormai 30 sena u kwazi 25 minnhom quddiem l-ewwel Qorti, il-kontendenti ma jistghux jippretendu illi jqajjmu quddiem din il-Qorti ta' revizjoni kwistjonijiet kontestati dwar il-konsistenza ta' l-assi

ereditarju li in effetti kienu jifthu berah mil-gdid il-litigju bejn il-kontendenti. Dan mhux kaz fejn il-partijiet kolllha qeghdin jaqblu illi xi attiv fl-assi ereditarju kien gie bi zvista, jew xort'ohra, eskluz mill-qasma. F'kaz simili din il-Qorti kienet tkun propensa biex takkorda l-opportunita' illi l-pjan ta' divizjoni jigi rettifikat. Fejn pero', kif gara fil-kaz taht ezami, l-aggravju sollevat mill-appellanti hu kontestat mill-appellati f'termini li certament ma setghax jinghad li kienu ta' facli spedizioni, din il-Qorti setghet biss tirrizerva fir-rigward ta' dawn il-fondi, allegatament ta' proprjeta' komuni, il-jeddijiet rispettivi tal-kontendenti kollha, b'mod li ghal kull bon fini, jigi dikjarat illi jekk eventwalment jirrizulta li l-allegazzjoni ta' l-atturi appellanti tkun korretta, dik il-proprjeta' tibqa' in komun u soggetta ghall-eventwali process ta' divizjoni. Dan l-aggravju qed jigi f'dawn it-termini deciz.

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti jikkonsisti fil-fatt li huma jilmentaw li l-ewwel Qorti ddecidiet hazin meta accettat il-parir verbali tal-Perit Legali, Dr. Carmelo Galea, u ddikjarat li d-dar numru 17, 19, 21 u 23 Triq Santa Maria, Xewkija, ma kienetx tifforma parti mill-assi tal-konjugi Sciberras imma li, dawn kellhom biss fuq dan il-fond, kreditu ta' Lm345, oltra l-imghax tas-6%. Dan l-aggravju jikkontesta allura id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li tadotta l-parir tal-Perit Legali fir-rigward ta' antikresi tal-fond 17/23 Triq Santa Maria, Xewkija, fis-sens illi "illum il-proprjeta' tal-fond tappartjeni interament lill-konvenut Michele Bugeja, izda din il-proprjeta'

hija soggetta ghall-antikresi ghall-perjodu rimanenti bil-koncessjoni originarja favur l-ulied u dixxendenti taghhom ta' Giuseppe Sciberras u martu Grazia Sciberras. Dawn l-ulied huma dawk murija a fol. 280 tal-process. Ghaldaqstant, ikkonkludiet l-ewwel Qorti, dak li jifforma parti mill-assi ereditarju tal-konjugi Sciberras, ma hijiex il-proprjeta' tal-fond izda l-kreditu antikretiku. Konsegwentement, il-fondi msemmija nru. 17,19,21,23 Triq Santa Maria, Xewkija, ma kienux jifformaw parti mill-beni in divizjoni.

L-appellanti jissottometti li fil-fatt din id-dar kienet giet regolarment registrata bhala bejgh minnhom a tenur ta' l-artikolu 1987 tal-Kodici Civili, u konsegwentement, din kienet saret proprjeta' taghhom ghall-inqas ghal dak li huwa s-sehem taghhom. Una volta li l-antikresi giet registrata bhala bejgh, it-titolu ta' l-atturi appellanti gie ope legis konvertit b'dan ta' proprjeta'. Inoltre, fi kwalunkwe kaz, l-antikresi kienet ghal 190 sena dekorribbli mill-5 ta' Novembru, 1940, Id-data li fiha Giuseppe Sciberras, missier il-kontendenti originali ha l-imsemmi fond in antikresi, u l-konvenut, li kien Bugeja, kien tenut li jirrispetta din l-antikresi. Id-drittijiet antikretici, bhal kwalunkwe dritt iehor, inkluza l-lokazzjoni, intirtu. Ghalhekk, fl-aghar ipotesi, il-Qorti messha inkludiet fl-assi ereditarju tal-konjugi Sciberras dawn id-drittijiet antikretici ghall-perjodu li fadal, mhux semplicement il-kreditu ta' Lm345. Dan l-aggravju jirrizulta pero' infondat fid-dritt.

Ghandu jigi sottolinejat li l-fond de quo kien gie trasferit lill-appellat Mikiel Bugeja f'ismu proprju b'titolu ta' kompro-vendita minn Maria Assunta Farrugia li kienet proprjetarja tieghu permezz ta' kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-nutar Joseph Spiteri tad-9 ta' April, 1977. Il-prezz ta' din ic-cessjoni kien ta' disa' mija u hamsa u erbghin lira (Lm945) li minnhom tlett mija u hamsa u erbghin lira kien ammont ekwiparat u kompensat ma' somma ekwivalenti u dovuta fuq l-imsemmi fond bhala self kostitwit minn Giuseppe Farrugia permezz ta' att ta' antikresi in atti Nutar Francesco Refalo ta' l-4 ta' Ottubru, 1934, liema somma Michele Bugeja ntrabat li jhallasha lill-eredi tal-kreditur antikretiku originali, waqt li l-blanc ta' sitt mitt lira (LM600) thallsu fuq l-att lill-venditrici cessjonarja Maria Assunta Farrugia. Rilevanti d-data tal-kuntratt ta' kompro-vendita li kienet anterjuri ghall-emendi kollha li saru ghall-artikolu 1987 tal-Kodici Civili bl-Att XXX 1981, XX 1984, u V 1993. It-trasferiment ta' fond b'titolu ta' bejgh lill-konvenut Michele Bugeja sar allura qabel l-introduzzjoni tas-subinciz 3 ta' dan l-artikolu li jipprovdi illi antikresi li saret b'Att pubbliku qabel it-28 ta' Frar, 1961, ghal zmien ta' iktar minn 30 sena (kif fil-fatt kien il-kaz taht ezami) titqies li hi bejgh kemm-il darba l-imsemmi att pubbliku jigi insinwat fir-Registru Pubbliku bhala trasferiment b'titolu ta' bejgh". Hu fuq dan is-subinciz li l-appellanti qeghdin jistriehu. Dan pero' malament ghaliex, kif inghad, it-

trasferiment sehh fiz-zmien meta dan is-subinciz kien ghadu ma giex introdott.

Japplika allura l-insenjament ta' din il-Qorti f'kawza b'mertu simili fil-kawza bl-ismijiet "Joseph Tabone et – vs – George Camilleri et", deciza fit-3 ta' Novembru, 1986. Din il-Qorti, wara li dahlet fil-kwistjoni dwar xi tfisser l-antikresi u xi jkun ir-rizultat ta' bejgh lil terzi waqt din l-antikresi, u dejjem qabel l-emenda introdotta fil-Kodici bl-Att XXX ta' l-1981, qalet hekk:- "Jidher ghalhekk minn dana kollu premess li l-antikresi in kwistjoni giet terminata bil-bejgh maghmul bl-imsemmija kuntratti ta' l-1979 (f'dan il-kaz aqra 1977) u ghalhekk fis-sena 1981, meta gie emendat l-artikolu 2091 (illum aqra 1987) tal-Kodici Civili bl-Att XXX, ma kienetx ghadha tezisti u kwindi, l-kreditur antikretiku, jew ahjar dak li qabel kien il-kreditur antikretiku, ma setghax jipprevalixxi ruhu mill-fakolta' moghtija mill-imsemmi artikolu 2091 kif emendat".

Din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghall-insenjament fil-kawza fl-ismijiet "George Farrugia vs. Antonia armla Formosa, deciza minnha fid-9 ta' Marzu, 1992, (Vol. LXXVI, P.II, p.225), fejn jinghad illi: (1) il-kreditur antikretiku ma jakkwistax dritt rejali fuq l-immobbli izda biss id-dritt personali li ssemmi l-istess ligi; (2) li konsegwentement id-debitur jibqa' proprjetarju ta' l-immobbili u anke jista' jiddisponi minnu billi jittrasferih lil terzi; (3) id-dritt personali tal-kreditur ma joperax fil-konfront tat-terz li

jixtri l-fond minghand id-debitur antikretiku u li l-effetti ta' l-antikresi, bhala ftehim specifiku, jispiccaw u ma jibqghux japplikaw fil-konfront tal-kompratur.

Din il-Qorti hekk kompliet tiddelibera: "Din il-Qorti hasbet fit-tul biex tara dak li ssottomettew l-appellanti setghax b'xi mod jinduciha tvarja l-gurisprudenza citata li huma stess jammettu li tezisti u li, effettivament, f'certi kazijiet, tista' titqies bhala li tista' tiffacilita certi abbuzi li mbaghad il-legislatur ipprova jelimina bl-emenda ta' l-1981. Izda hu ovvju li dawk l-emendi ma jistghux jigu nterpretati bhala li jirriavvivaw antikresijiet li diga kienu spiccaw kawza tat-trasferiment da parti tad-debitur. Dak li kien lahaq sar kien sar, u l-ligi l-gdida, logikament, setghet tapplika biss ghal dawk l-antikresijiet li kienu ghadhom vigenti, li mhux il-kaz prezenti". Insenjament dan illi jattalja perfettament mal-fatti taht ezami. Dan l-insenjament isegwi l-gurisprudenza kostanti in materja li mhux mehtieg li tigi hawn riportata. Issir riferenza biss ghad-decizjoni ohra ta' din il-Qorti gia citata supra, in re "Joseph Tabone et – vs - George Camilleri et" (Vol. LXX, P.II, p.216) fejn jinghad: "Il-kreditur antikretiku ma jakkwista ebda dritt rejali fuq il-haga, izda jkollu biss il-fakolta' li jithallas bil-frott. Id-debitur jibqa' padrun assolut tal-post u jista' jipotekah u jbieghu. Id-dritt personali li taghti l-antikresi lill-kreditur ma jiswix fil-konfront tat-terz li jixtri l-fond minghand id-debitur. L-antikresi in kwistjoni kienet itterminata bil-bejgh maghmul fl-1979 (fil-kaz taht ezami

fl-1977), u ghalhekk fl-1981, meta saret l-emenda fl-artikolu 2091 (illum 1987) ma kienetx ghadha tezisti, u dak li qabel kien il-kreditur antikretiku ma setghax jipprevalixxi ruhu bil-fakolta' li jtik l-artikolu 2091 (1987)". F'din it-tieni sentenza hemm riportata estensivament hafna mill-gurisprudenza rilevanti in materja li ghaliha din il-Qorti taghmel ampja riferenza.

Stabbilit li dan kien l-istat ta' dritt applikabbli fil-kaz taht ezami isiru ghal kollox irrelevanti s-sottomissjonijiet ta' l-appellant fir-rigward ta' l-iskrizzjoni ipotekarja maghmula mill-atturi a tenur ta' l-artikolu 1987 tal-Kodici Civili u dana permezz ta' Nota nru. 670/1987 iskritta fir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex ghar-raguni semplici illi l-atturi ma kellhom l-ebda dritt illi juzufruwixxu mill-fakolta' moghtija b'dak l-artikolu fir-rigward ta' fond li kien gia zmien qabel, u anke qabel ma gie fis-sehh is-subinciz taht ezami sar proprjeta' assoluta ta' terzi. Dan l-aggravju jirrizulta wkoll allura insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, b'rizerva fuq maghmula fir-rigward ta' raba allegatament mizmum in komun bejn il-kontendenti kif sottomess mill-atturi fir-rikors ta' l-appell. Fir-rigward ta' dawn il-fondi l-jeddijiet reciproci tal-kontendenti kienu qed jigu lilhom rizervati, kif kien qed jigi lilhom rizervat kull jedd ta' azzjoni lilhom kompetenti si et quatenus. L-ispejjez ta' dan

l-appell kellhom ikunu kollha a kariku ta' l-appellanti. Dawk tal-prim'istanza kellhom jibqghu kif gia mill-ewwel Qorti decizi.

Dep/Reg

mm